



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Strasburgu, 2 ta' Ottubru 2018
(OR. en)**

**2017/0347 (COD)
LEX 1829**

**PE-CONS 46/1/18
REV 1**

**ENER 252
CODEC 1159**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL LI JĦASSAR IR-
REGOLAMENT (UE) NRU 256/2014 DWAR IN-NOTIFIKA LILL-KUMMISSJONI TA'
PROĠETTI TA' INVESTIMENT FL-INFRASTRUTTURA TAL-ENERĠJA FL-UNJONI
EWROPEA**

REGOLAMENT (UE) 2018/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-2 ta' Ottubru 2018

**li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta'
investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 227, 28.6.2018, p. 103.

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2018 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2018.

Billi:

- (1) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu li jikkooperaw sabiex jaġġornaw u jissimplifikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni permezz tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹.
- (2) Sabiex jitnaddaf u jitnaqqas il-volum ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni, hemm bżonn li tiġi identifikata l-leġiżlazzjoni li tkun obsoleta jew li ma għadhiex adattata għall-iskop maħsub għaliha. Permezz tat-tħassir ta' tali leġiżlazzjoni, il-qafas leġiżlattiv jibqa' trasparenti, ċar u faċli biex jintuża.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jirrikjedi li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-proġetti ta' investiment li fuqhom inbdiet ħidma ta' kostruzzjoni jew ta' dekkummissjonar jew li fuqhom ittiegħdet deċiżjoni finali dwar l-investiment.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

² Ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea, li jissostitwixxi r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010 u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 736/96 (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 61).

- (4) L-obbligi skont ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 dwar in-notifika ta' proġetti ta' investiment, u ċertu informazzjoni u data relatati ma' tali notifika, kienu ġew stabbiliti qabel fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010¹. Il-Qorti tal-Ġustizzja annullat ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 617/2010², għar-raġuni li dan kellu jiġi adottat fuq bażi ġuridika oħra, iżda l-effetti tiegħu nżammu sad-dħul fis-sehħir-Regolament (UE) Nru 256/2014.
- (5) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 617/2010 kien maħsub biex jipprovdi lill-Kummissjoni bid-data u bl-informazzjoni dwar l-iżviluppi ppjanati fil-kapaċitajiet ta' produzzjoni, ta' trażmissjoni u ta' ħżin, kif ukoll dwar proġetti fis-setturi tal-enerġija. Kien maħsub biex jagħti lill-Kummissjoni stampa ġenerali tal-iżvilupp tal-investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni.
- (6) Minn mindu nħolqu l-obbligi stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 617/2010 u r-Regolament (UE) Nru 256/2014, saru tliet eżerċizzji ta' rappurtar, fl-2011, fl-2013 u fl-2015. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għamlet arranġamenti għal studju estern li kellu jitwettaq wara tliet eżerċizzji ta' rappurtar mill-Istati Membri li saru skont ir-Regolament (UE) Nru 256/2014. Għaldaqstant, għadda biżżejjed żmien u nkisbet esperjenza suffiċjenti biex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq analiżi kritika bbażata fuq l-evidenza dwar jekk ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 wassalx għar-riżultati mistennija jew le.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010 tal-24 ta' Ġunju 2010 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 736/96 (ĠU L 180, 15.7.2010, p. 7).

² Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2012 fil-Kawża C-490/10, il-Parlament v il-Kunsill ECLI:EU:C:2012:525.

- (7) Fl-2016, il-Kummissjoni wettqet ir-rieżami previst fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 256/2014, inkluż konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati li tkopri l-obbligi kollha ta' ppjanar u ta' rappurtar fis-settur tal-enerġija. Il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li kien hemm sovrappożizzjoni sinifikanti bejn l-obbligi ta' rappurtar tal-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 u l-obbligi tal-Istati Membri li jirrapportaw lin-netwerk Ewropew tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku (l-‘ENTSO-E’) u n-netwerk Ewropew tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-gass (l-‘ENTSO-G’). Deher ċar ukoll li l-kwalità u l-adekwatezza tal-informazzjoni u tad-data riċevuti ħafna drabi ma kinux ta' kwalità tajba, u li dik l-informazzjoni u din id-data kienu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni permezz ta' sorsi oħra, bħan-netwerk Ewropew tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni (l-‘ENTSOs’), il-pjanijiet ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-netwerk (‘it-TYNDPs’), ir-rapporti annwali tal-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni u ta' kumpaniji tal-utilitajiet u pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali. Barra minn hekk, ġie nnutat li l-Kummissjoni għandha aċċess dirett għal data tas-suq permezz tas-Sistema għall-Osservazzjoni tas-Suq tal-Enerġija (l-‘EMOS’).
- (8) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 ma wassalx għar-riżultati mistennija f'termini ta' kwantità, kwalità u adegwatezza tad-data u tal-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni.
- (9) Ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 jenħtieġ għalhekk li jitħassar,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 huwa mħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President